MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 94/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Charles u Maria mizzewgin Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fit-30 ta' Jannar, 2003, li in forza taghha wara li ppremetta illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 4 ta' Lulju, 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono (Dok "A"), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Charles u Maria mizzewgin Muscat;

Eppremetta li s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Charles u Maria mizzewgin Muscat fis-somma ta' sbatax-il elf u tmienja u erbghin Liri Maltin u erba' centezmi (LM17,048.04) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Charles u Maria  mizzewgin Muscat mal-*Bank of Valletta* p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u "C1 sa C4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Ippremetta illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficcjali datata 18 ta' Marzu, 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "D", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti,

Talab il-bank attur biex ighidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tikkundanna lil Charles u Maria mizzewgin Muscat ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax-il elf u tmienja u erbghin Liri Maltin u erba' centezmi (LM17,048.04) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Charles u Maria mizzewgin Muscat mal-*Bank of Valletta* p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u "C1 sa C4";) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 18 ta' Marzu, 2002 mibghuta lill-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

*1.* Illi l-ammont pretiz minghand il-Bank attur huwa inkorrett, zbaljat, eccessiv u jinkludi imghaxijiet li gew ikkalkulati hazin  u aktar minn dak permess mill-ligi wkoll billi gew mahduma a bazi ta' '*compound interest';*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-Nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-bank attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din il-kawza tikkocerna self li l-konvenuti hadu minghand il-Bank attur fuq kuntratt ppublikat min-Nutar Dottor John Debono ta’ l-4 ta’ Lulju, 1997. Il-konvenuti mhumiex qed jikkontestaw il-fatti tal-kaz, lanqas li huma debituri tas-socjeta’ attrici, izda qed jilmentaw mill-fatt li s-somma mitluba hija esagerata ghax il-kalkolu sar a bazi ta’ l-imghax komposti meta, skond il-ligi, l-imghaxijiet fic-cirkostanzi kellhom jinhadmu b’mod semplici. Is-somma dovuta, jekk l-ammont jigi kkalkolat bl-imghax komposti, hija ta’ LM18,228.23 (bl-imghax ikkalkolat sal-31 ta’ Ottubru, 2003), filwaqt li jekk il-kont jinhadem b’imghax semplici, l-ammont dovut ikun ta’ LM17,737.27 (bl-imghax ukoll ikalkulat sal-31 ta’ Ottubru, 2003); id-differenza hija ta’ LM490.96 li tirraprezenta ammont aktar mitluba mill-Bank attur peress li jikkalkula l-imghax bis-sistema bankarja, u cioe’, b’sistema ta’ imghax komposti differenti minn dik kontemplata fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

Il-Bank attur issostni li hija prattika bankarja, accettata mill-Qrati taghha, li *nonostante* dak kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili, banek kummercjali jistghu jitolbu imghax komposti fuq self, u dan billi jzidu l-imghax mal-kapital kull sitt xhur. Minghajr pregudizzju ghal din is-sottomissjoni, l-Bank attur jissottometti wkoll li l-kont in kwistjoni, ghalkemm deskritt bhala *‘loan account’*, fil-fatt ghandu n-natura ta’ *overdraft* u dan peress li, skond il-kuntratt, is-self kien *“withdrawable in one amount or in several amounts, at the bank’s sole discretion, provided that the total drawings do not exceed the said sum of* LM17,333.” Peress li l-izbanki tas-self kellhom isiru f’diversi ammonti, qed jigi allegat li l-kont huwa ta’

*overdraf*t, u, f'kaz ta' *overdraft*, il-gurisprudenza lokali, anke dik ricenti, hija unanima li hu permess li bank jiccargja imghaxijiet komposti b'mod differenti minn dak kontemplat fil-ligi.

Ghar-rigward ta' l-ewwel sottomissjoni, hu veru li hemm sentenzi li, b'semplici riferenza ghall-prattika bankarja, jaccettaw imghaxijiet komposti b'mod differenti minn dak kontemplat fil-ligi anke f'kazijiet ta' self. Din il-Qorti, peror', kif issa presjeduta, ezaminat il-kwistjoni *funditus* fil-kawza "*Lombard Bank Malta plc vs IV's Co. Ltd. et",* li giet deciza fit-3 ta' Lulju, 2003. F'dik il-kawza, din il-Qorti kienet osservat li filwaqt f'kaz ta' *overdraft,* hu permess li banek kummercjali jiccargjaw imghaxijiet komposti, f'kaz ta' self il-"prattika bankarja" hija kontra l-ordni pubbliku u, allura, f'kaz ta' self mhux permess, lanqas ghal banek kummercjali, li jiccargjaw imghaxijiet komposti, hlief bil-mod kif kontemplat fl-artikolu 1142 fil-Kodici Civili. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara ezami tal-gurisprudenza u d-duttrina in materja, u kienet cara meta ghamlet distinzjoni bejn kuntratt ta' self u dak ta' *overdraft* jew kont kurrent.

Din il-Qorti osservat illi l-artikolu li jiprojbixxi l-kalkolu ta' l-imghaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista' jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett "il-hlas ta' somma determinata" *(*art. 1139 Kodici Civili). Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwu, u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' "*overdraft"*. Kuntratt ta' "*overdraft"* ma jittrattax obbligazzjoni ta' "somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Warrington noe vs Sciberras" deciza fit-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita` lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma' l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.

Li kuntratt ta' self mhux l-istess bhala kuntratt ta' *overdraft,* johrog ukoll mit-taghlim ta' l-awturi aktar kwotati bhala Messineo, Vidari u Torrente. Dan ta' l-ahhar fil-fatt, jghid li "*l'apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di mutuo (promessa di mutuo)*". Dan l-istess awtur ikompli jispjega li "*il mutuo e' un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l'apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono inceve, contratti consensuali: colui a cui favore l'una o l'altra e' concessa puo' disporre della somma, pagando per esempio, i fornitori o i propri debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessario se di promessa di mutuo si trattasse. (Manuale di Diritto Privat, 9 Edizione; pagina 572).* Ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "Scicluna vs Zinelli" riportata fil-Vol. XXX.I.739, u l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sentenza "Piovano vs Fenech" riportata fil-Vol. XXVII.III.466. Kwindi, ma tistax tghid li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta` ta' "*overdraft",* li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu u mhux regolat fil-Kodici Civili taghna.

Apparti din il-konsiderazzjoni, is-sistema adoperata mill-Bank li f'kaz ta' konti kurrenti (*overdrafts*), izidu l-imghax kull sitt xhur fuq il-bilanc, giet accettata mill-Qorti taghna bhala valida u legali f'diversi sentenzi, fosthom, "Scicluna vs Tufigno *noe*", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-25 t'April 1940, "Busuttil vs Spiteri Debarro", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Jannar, 1979, "Mercieca *noe* vs Borg", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 t'Ottubru 1994, "Bank of Valletta Ltd vs Dalli" deciza minn din il-Qorti fit-28 t'Ottubru, 1999, u "Borg vs Borg et", deciza minn din il-Qorti fit-3 t'Ottubru, 2002. Ricentiment, dan il-principju kien konfermat b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru, 2002, moghtija fil-kawza "Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Co.Ltd.et", u b'sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 2003, fil-kawza "Zammit vs Pulis".

Il-Giorgi jibbaza dan il-principju fuq l-“*usi e consuetudini*”:

*“se poi ci si domanda , in che consistono siffatti usi e consuetudini, rispondiamo esser cosa da non dichiararsi in due parole. E’ una ricerca che solo i trattatisti speciali di diritto commerciale possono convenientemente istituire. A noi basta il ricordare, come la piu’ notevole di queste consuetudine concerne il conto corrente: dove e’ lecito pattuire che gli interessi delle somme risultanti a debito, per dirlo con parola commerciale, di un correntista, siano capitalizzati a favore dell’altro correntista a brevi scadenze periodiche”* (“Obbligazioni” Vol II p.213).

Ir-raguni ghal dan it-trattament specjali jinghad li hi bbazata fuq il-principju ta’ indivizibilita’ li jikkaratterizza l-kont kurrent “*che si oppone a che il saldo posso considerare composto in parte di una somma rappresentanti gli interessi*” (ara sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXVII.1.826)

Din il-koncessjoni tibqa’ topera pero’, f’kaz li jibqa jopera l-*overdraft facility*, ghax meta l-kont kurrent jigi terminat, l-imghax irid jigi kalkolat bis-sistema normali stabbilit fil-Kodici Civili (ara “Busuttil vs Spiteri Debarro” gia kwotata, u “Azzopardi noe vs Falzon” deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-20 ta’ Lulju, 1994). Dan isehh ghax darba li l-facilita’ tigi terminata, is-somma dovuta tigi determinata, u bhal obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha il-hlas ta’ somma determinata, ma jistax jintalghab imghax fuq imghax jekk mhux kif kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

Illi mhux l-istess jista’ jinghad ghall-kaz ta’ *loan account*, u dana peress li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li japplika ghal kaz ta’ self, huwa, fil-fehma tal-Qorti, artikolu ta’ ordni pubbliku u ma jistax jigi injorat bis-semplici skuza ta’ prattika bankarja.

Il-projbizzjoni ta’ l-imghaxijiet komposti tinsab cara fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili; ma hemm ebda ligi li tippermetti li ssir xi eccezzjoni ghall-din ir-regola, u allura

kull prassi kontra dik ir-regola tista' ssib konfort biss fil-konsuetudini. Fuq il-kwistjoni jekk il-konsuetudini tistax jew le "tirrevoka" ligi espressa, hemm opinjonijiet differenti; insibu dan it-taghlim fin-Noti Universitarji tal-Prolegomena:

*"Technically a law can cease to be a law only when it is abrogated by another legislative instrument. It is true that when a custom possess all the necessary requisites, it is on the same level as written law and is fraught with equal authority; however, for a series of acts to be obeyed "opinione necessitatis", the series of acts should not be a series of unlawful acts, as otherwise one would have to admit the absurdity that a series of illegalities can produce law. It seems that a distinction should be drawn between imperative or prohibitive laws and laws of public order on the one hand, and laws which aim merely at declaring or supplementing of the presumed will of parties on the other hand. In regard to the former consuetudo abrogatoria cannot exist, while the possibility of its existence cannot be excluded a priori in regard to the latter"- Notes on Prolegomena by Professor J.M. Ganado* (pagna 12)

Ma jista jkun hemm ebda dubju, li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili huwa regola ta' ordni pubbliku. Dan jirrizulta min-natura ta' din ir-regola infisha u, partikolarment, fid-dawl ta' l-artikolu 1850(3) u li jiddisponi li kull arrangament kuntrarju ghad-dispozizzjoni tal-ligi li tipprojbixxi li l-imghaxijiet jigu komposti fi zmien anqas minn sena, huwa null, u kwindi *il-consuetudo abrogatoria* ma tistax tigi accettata f'dan il-kaz.

Fil-fatt, il-legislatur *patriu* kien dejjem *gelus* li jirreprimi l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'usura hija, ghal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b'mod assolut, jigifieri inesistenti billi illecita ghax proibita mill-ligi (ara fost ohrajn is-sentenzi riportati fil-Volum XXXII.I.263, XXXIX.I.366 u XLV.I.127). L-usura hi materia "*che appartenza all'ordine pubblico*" tant li, anki kien hemm zmien li jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li ghalina hu usura, jekk tigi mitluba l-

esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni ghall-usura (Vol.XXX.II.288). Sahansitra fl-azzjoni kambjarja, fejn b'ligi espressa (art.197u 198 tal-Kodici tal-Kummerc) mhi permess ebda eccezzjoni kontra l-hlas ta' l-import li jidher fuq wicc il-kambjala, il-Qrati dejjem dahlu biex jindagaw, meta jigu hekk mitluba, jekk il-kambjala kienetx "imcappsa bl-usura" (Vol.XXXI.I. 507).

Kwindi, hi l-fehma ta' din il-Qorti li f'kaz ta' self mhux permissibbli ghal bank kummercjali li jikapitalizza l-imghax jekk mhux bil-mod li tistabilixxi l-ligi fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili. Jista' jkun li, b'dan il-metodu, f'certi cirkostanzi, l-ammont talvolta dovuta tista' tkun akbar mis-somma li tkun dovuta li kieku l-komputazzjoni ssir bil-procedura normali li jadottaw il-banek, pero', il-principju ghandu jkun li f'kaz ta' self, l-imghaxijiet ghandhom dejjem jinhadmu bis-sistema li timponi l-ligi fil-Kodici Civili. F'kaz ta' self, ma jista' jkun hemm ebda prattika li jista' jkollha n-natura ta' *consuetudo abrogatoria*, u kwindi l-kont ghandu jinhadem b'sistema normali u, kif trid il-ligi, bil-hlasijiet akkont li jsiru jkunu addebitati, fl-ewwel lok, lill-imghax, u wara lill-kapital (artikolu 1169 tal-Kodici Civili).

Barra minn dan, intwera li meta, f'kaz ta' *overdraft*, ikun hemm *call-in* mill-Bank, l-imghax ma jistax jibqa jinhadem skond il-prattika bankarja, izda jrid jinhadem bis-sistema normali stabbilit fil-Kodici Civili. Dan inghad peress li, meta l-Bank jaghmel *call-in*, l-*overdraft* ma tibqax in operazzjoni, u l-klient ma jibqalux il-facilita' li johrog izjed cekkijiet fuq dak il-kont. Il-kont, mal-*call-in*, isir kont ta' debitu normali, u l-imghax irid jinhadem bis-sistema kontemplata fil-ligi. Fil-fatt, fil-kawza "Cassar *noe* vs Farrugia *noe*", deciza mill-Onorevoli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Dicembru, 2002, gie osservat li, "Terminat il-kont kurrent anke unilateralment da parti tal-kreditur simultanjament jidhlu *in vigore* il-provvediment normali tal-mutwu u minn dak il-hin huwa illecitu ghall-kreditur li jkompli jikkredita l-imghaxijiet komposti". Dan ikompli jafferma il-mod kawt kif il-Qrati taghna accettaw li jkomplu jaghtu validita' lill-prattika bankarja, u jekk *overdraft*, malli jieqaf li jkun facilita', irid jinhadem b'imghax semplici, aktar

u aktar ghandu hekk jinhadem kont li, sa mill-bidu nett, qatt ma kien *overdraft*, izda kien kont ta' self.

Il-fatt li, f'dawn l-ahhar zmienijiet, il-Bank Centrali ta' Malta kien gie awtorizzat, b'legislazzjoni *ad hoc*, li jippermetti lill-bank kummercjali jimponu imghax akbar mit-8% kontemplat fil-ligi civili, ma jfissirx li l-uzura m'ghadhiex mistmerra u meqjusa bhala li tmur kontra l-ordni pubbliku. Tant l-uzura saret konsiderata serja u kontra l-ordni pubbliku li bl-att III tal-2002, il-legislatur introduca artikolu gdid fil-Kodici Kriminali, l-artikolu 298C, li in forza taghha l-uzura giet introdotta bhala reat gdid taht il-kapitolu li jittratta l-Frodi.  Il-fatt li l-banek biss huma awtorizzati jitolbu imghax ghola (u dan dejjem taht il-kontroll tal-Bank Centrali) ikompli jafferma b'liema kawtela li l-iStat ihares lejn l-imghaxijiet fl-interess tas-socjeta' in generali.

Inoltre, l-artikolu 38 tal-att dwar il-Bank Centrali ta' Malta (Kap 204) jippermetti biss imghax oghla mit-8%, izda ma jippermettix kalkolu ta' imghax differenti minn dak kontemplat fil-Kodici Civili.  Dan l-artikolu, fil-fatt jghid:

*38 Minkejja kull haga li tinsab f'xi ligi ohra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarju jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li tithallas fuq depozitu mizmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li huma jistghu jzommu fuq self, avvanzi u kull facilita' ta' kreditu ohra kif ukoll il-hrug ta' obbligazzjonijiet jew stocks ta' obbligazzjonijiet jew strumenti ohra li joholqu jew li jirrikonoxxu debitu.*

Meta l-artikolu 1852, li jorbot ir-rata tal-imghax mal-percentagg ta' 8%, kien gie emendat billi l-ewwel b'zieda tas-subartikolu (4), li kienet tippermetti lill-bank jisilfu b'rata oghla mit-8%, u mbaghad b'zieda tas-subartikolu (5), li jqies validu ftehim b'rata ta' imghax oghla mit-8%, meta dak il-ftehim ikun regolat b'ligi ta' pajjiz li mhux Malta, l-artikolu 1850 li espressament jipprojbixxi kalkolu ta' imghax komposti differimenti minn dak  kontemplat fl-istess Kodici Civili, ma giex minsux.  Kif ga intwera l-artikolu 1850(3) taghmilha cara meta tghid li "kull ftehim iehor ta' mghaxxijiet fuq imghaxxijiet, ma jiswiex" u ma

kemm ebda ligi ohra, la l-Kapitolu 204 indikat, u l-anqas l-att XV tal-1997 dwar il-Kummerc Bankarju (Kap 371) li jippermetti kalkolu ta’ imghax mod iehor. Il-kwistjoni tal-imghaxxijiet komposti baqghet l-istess, nonostante l-bidliet kbar li saru fil-kamp finanzjarju tal-pajjiz, u meta l-ligi, b’mod espress, tipprojbixxi *method* ta’ kalkolu differenti minn dak kodifikat, dik il-ligi ma tistax tkun hlief wahda ta’ ordni pubbliku li ma tippermettix konswetudini kontra taghha.

Kwindi din il-Qorti ghadha tqies li l-kaz ta’ self li hu kuntratt regolat mill-Kodici Civili, l-imghaxxijiet huma kemm huma, iridu jinhadmu biss kif jikontempla l-istess Kodici Civili, u kull metodu iehor huwa hazin u illegali.

Ghar-rigward tat-tieni sottomissjoni tal-Bank attur, il-parografu in kwistjoni li fuq qed jistrieh jinqara hekk:

*“Now therefore, in virtue of this deed, the bank declares to accede and hereby accedes, to grant on loan to customers, who in solidum and between them accept, the sum of seventeen thousand three hundred and thirty three Maltese liri (Lm 17,333) withdrawable in one amount or in several amounts, at the bank’s sole discretion, provided that the total drawings do not exceed the said sum of Lm 17,333.”*
Il-Qorti tinnota, fl-ewwel lok, li nonostante dak li qed jigi illum sottomess, u dak li jinghad dwar kif inghata is-self, il-Bank stess iddiskriva l-kuntratt bhala wiehed ta’ *“loan”* u l-istatements li esebixxa l-Bank biex jindika l-bilanc dovut huma wkoll intestati “Rendikont ta’ Self / *Loan Account Statement”.* Din il-Qorti issibha stramba kif issa, l-Bank irid jargumenta li n-natura tal-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta’ self.

Barra minn dan, il-Kodici tal-Kummerc (Kap 13), jiddefinixxi l-kont kurrenti b’dan il-mod:

*“264. Il-kont kurrent hu kuntratt li bih zewg persuni jiftiehmu li r-rimessi ta’ xulxin jigu mnizzlin f’kont bhala partiti ta’ dejn u ta’ kreditu, bl-obbligu tal-parti li kontra*

*taghha jinsab bilanc meta jinghalaq il-kont li thallas dak il-bilanc"*

F'dan il-kaz, ma sarx ftehim simili izda sar ftehim normali ta' self b'differenza li flok il-flus inghataw lil min jissellef f'daqqa, jistghu wkoll jinghatawlu f'diversi pagamenti, a diskrezzjoni tal-Bank. Il-kuntratt, pero' xorta jibqa' wiehed ta' self, ghax id-debitur m'inghatax il-fakulta' li skond il-htigijiet tieghu, joverdrowja l-kont sa certu limitu. Kont ta' *overdraft* irid jikkontrollah il-klient, u mhux il-Bank, u l-fatt li l-Bank, f'dan il-kuntratt, kompla zamm kontroll fuq kif l-ammonti mislufa setghu jigu zbankati, ikompli jindika li t-transazzjoni ma kienetx wahda ta' kont kurrent.

Dan il-kaz huwa wkoll ben differenti mic-cirkustanzi tal-kaz fil-kawza 'Warrington noe vs Sciberras", u li irriferiet ghaliha is-socjeta' attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha. F'dak il-kaz, il-klient ma inghatax self, izda iddelega lill-Bank ihallas hu lill-kuntrattur sabiex il-Bank ikun cert dwar l-uzu tal-fondi u b'hekk jipprotegi l-privilegg li taghtih il-ligi. Kien, ghalhekk, li l-Onorevoli Qorti tal-Kummerc qalet li l-kont ma kienx wiehed ta' self, izda li gara kien biss li flus tqieghdu ghad-disposizzjoni tal-klient ghal-uzu u skop partikolari. F'dan il-kaz, il-konvenut inghata self generali, u dan jista' jaghmel uzu li jrid bil-flus, u ghalkemm il-flus huma ritirabbli "*at the bank's sole discretion*", il-flus saru proprjeta' tal-konvenut, u sakemm dan isegwi skrupolozament il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, il-Bank ma jistax jichadhomlu. Il-flus ma kienux biss *"a disposizzjoni*" tal-konvenut, imma nghatawlu b'self, bil-Bank jikontrolla biss, minhabba l-esigenzi tieghu, jekk il-konvenut jiehux il-flus f'daqqa jew f'diversi partijiet.

Kwindi, din il-Qorti tafferma, li l-kuntratt li sehh bejn il-partijiet f'din il-kawza kien wiehed ta' self u li l-imghaxxijiet kellhom allura sa min meta beda jigi operat il-kont, jinhadmu b'sistema semplici u mhux komposti.

Ghal kull *buon fini* jinghad li ghalkemm il-figura tal-kundanna se tkun aktar minn dik indikata fic-citazzjoni, din il-Qorti mhux, b'daqshekk, qed tmur oltre dak mitlub, ghax it-talba hija ghas-somma flimkien ma' l-imghax ulterjuri

mill-1 ta' Ottubru, 2002, u fis-sentenza taghha din il-Qorti se tordna l-hlas tas-somma, bl-imghax ikalkulat sal-31 ta' Ottubru 2003, bl-imghax ulterjuri ghal wara dik id-data.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, izda fl-istess hin tilqa it-talba attrici, b'dan li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Bank attur is-somma ta' LM17,737.27 (sbatax 'il elf lira seba' mija u seba' u tlettin lira u seba' u ghoxrin centezmu) bl-imghaxxijiet legali, mhux kif mitluba, izda bil-8% fuq din is-somma mill-1 ta' Novembru 2003, sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla tazza bejn il-partijiet b'dan, pero', li d-dritt tar-registru ghandu jithallas mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------